# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 24**
**Rikors numru 872/06 RCP**

**Giovanna Schembri**

**v.**

**Mary Cachia, Dominic Vincent Fiteni u t-Tabib Principali tal-Gvern, u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2005 gew kjamati fil-kawza [1] werrieta ta' Carmelo Fiteni, [2] werrieta ta' Frangisku Fiteni, [3] werrieta ta' Duminku Fiteni, [4] Maddalena Cauchi, [5] il-werrieta ta' Emanuel Borg Bonaci li huma [5i] Joseph Borg Bonaci, [5ii] John Borg Bonaci, u [5iii] Mary Rose Borg; [6] Carmela Alamango; u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2016 l-Avukat Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil Frangisku Fiteni u Duminku Fiteni li huma assenti minn Malta kif ukoll il-werrieta mhux maghrufa ta' Carmelo Fiteni, Frangisku Fiteni, Duminku Fiteni, Karmnu Mallia, Joe Fiteni u Emelda Cuschieri, [7] Paolo Borg Bonaci; [8] il-werrieta ta' Vincenzo Borg Bonaci li huma [8i] Joseph Borg Bonaci, [8ii] Paul Borg Bonaci, [8iii] Vincent Borg Bonaci u [8iv] Charles Cutajar ghan-nom u in rapprezentanza ta' uliedu minuri Joshua u Sarah li huwa wkoll ulied il-mejta Monica Cutajar; [9] Maria Pulo [10] Alice Camilleri, [11] Rose Busuttil, [12] Grace Mucliette, [13] Carmen Cutajar, [14] Lucia Falzon, [15] Emanuel Pace, [16] John Pace, [17] Charlie Pace, [18] Lawrence Pace, [19] Gaetano Pace, [20] Alfred Pace, [21] Guzeppi Pace, [22] Jesmond Pace, [23] Anna Falzon,**

**[24] Nina Ciappara; [25] Giuseppa Mallia, [26] Karmenu Mallia, [27] Emanuel Mallia, [28] Antonia Galea, [29] Alfred Mallia, [30] Govanna Aquilina, [31] Antonio Mallia, [32] Domenica Grech, [33] Mary Camilleri, [34] Vincenza Mallia; [35] Duminka Calleja, [36] Guzeppa Abdilla, [37] Rose Mifsud, [38] Charles Sciberras, [39] Albert Sciberras, [40] Joseph Sciberras, [41] Emanuel Sciberras, [42] Vincent Sciberras, [43] Alfredo Sciberras, [44] Antonia Sciberras; [45] Antonio Fiteni (bin Duminku), [46] Doris Mackay, [47] Silia Caruana, [48] werrieta ta' Joe Fiteni; [49] Antonio Fiteni (bin Luigi), [50] Francesca Camilleri, [51] Luigi Fiteni; [52] Michael Stafrace, [53] Antonio Stafrace, [54] werrieta ta' Emelda Cuschieri, [55] Lilian Vassallo: [56] Francesco Fiteni, u [57] Doreen Borg; u Joseph Cachia li b'digriet tas-17 ta' April 2009 l-atti gew trasfuzi f'ismu stante l-mewt ta' Mary Cachia; u Mariella sive Maria Chircop, Carmen Grioli u Ruth Vassallo ahwa Cachia li b'digriet tal-31 ta' Lulju 2012 l-atti gew trasfuzi f'isimhom stante l-mewt ta' Joseph Cachia u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2017 stante l-mewt ta' Carmela Alamango, l-atti gew trasfuzi f'isem Flavia Borg Bonaci**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-4 ta' Ottubru 2011 illi permezz taghha laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet attrici.

Il-Qorti msemmija waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

"**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

"Rat ir-rikors guramentat ta' Giovanna Schembri ID Numru 635531(M) datat 28 ta' Settembru 2006 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

"Illi fit-3 ta' Lulju 1890 Francesco Fiteni kien xtara minn ghand il-Gvern l-oqbra numri 10, 10A u 10B East A.P. fic-Cimiterju ta' Maria Addolorata f' Tal-Horr, Rahal Gdid.

"Illi dan Francesco Fiteni kellu tliet ulied: Paolo, Antonio, u Emanuel ahwa Fiteni, u miet intestat fl-1913.

“Illi l-imsemmi Paolo Fiteni kien izomm u jghajjex mieghu lil hutu Antonio u Emanuel, li minn naha taghhom cedew, verbalment jew tacitament, a favur tal-istess Paolo kull sehem li seta’ kellhom mill-wirt ta’ missierhom, inkluz sehemhom mill-propjeta’ tal-oqbra 10, 10A u 10B hawn imsemmija.

“Illi Paolo Fiteni zamm b’mod esklussiv u mhux interrot l-imsemmija oqbra *uti dominus* mill-mewt ta’ missieru Francesco fl-1913 sal-mewt tieghu fl-1942 u dan kif accettat mill-istess hutu Antonio u Emanuele.

“Illi wlied Paolo Fiteni, il-werrieta tieghu Giuseppe, Maria, Giovanni u Carmela komplew izommu dawn l-oqbra b’mod esklussiv, la interrot u l-anqas kontestat *uti domini* tal-inqas sal-1971.

“Illi bil-gust huma biss il-werrieta ta’ Francesco Fiteni dixxendenti minn Paolo Fiteni biss li ghandhom dritt jidfnu jew jaghtu permess ghal difna fl-oqbra 10, 10A u 10B East A.P., u hadd iktar, u dan kif rikonoxxut mid-Dipartiment tas-Sahha (vide dokument “A”).

“Illi l-attrici hija wahda mill-werrieta dixxendenti minn Paolo Fiteni u saret taf li l-konvenuti Mary Cachia u Vince Fiteni qed jippretendu li huma wkoll ghandhom dritt jidfnu u jaghtu permess ghal dfin fl-istess oqbra.

“Illi jidher li fl-imsemmija oqbra indifnu jew setghu indifnu persuni li mhumiex dixxendenti minn Paolo Fiteni minghajr il-kunsens tal-istess dixxendenti.

“Illi hija taf b’dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

“Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“1. Tiddikjara li l-oqbra 10, 10A u 10B East A.P. fic-Cimiterju ta’ Maria Addolorata f’Rahal Gdid jappartjenu b’mod esklussiv lill-werrieta ta’ Francesco Fiteni dixxendenti minn Paolo Fiteni u s-successuri taghhom fit-titlu.

“2. Tiddikjara li l-werrieta ta’ Paolo Fiteni u s-successuri taghhom ghandhom dritt li jidfnu jew li jghatu permess ghad-difna fl-oqbra 10, 10A u 10B East A.P. fic-Cimiterju tal-Addolorata f’Rahal Gdid.

“3. Tiddikjara li l-werrieta ta’ Francesco Fiteni li mhumiex dixxendenti minn Paolo Fiteni, inkluzi l-konvenuti Mary Cachia u Vince Fiteni, m’ghandhomx dritt li jidfnu jew li jaghtu permess ghad-difna fl-oqbra 10, 10A u 10B East A.P. fic-Cimiterju ta’ Maria Addolorata f’Rahal Gdid, jekk mhux bil-kunsens tal-werrieta ta’ Paolo Fiteni jew is-successuri taghhom fit-titlu.

“4. Tordna lill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern jiddezisti indefinittivament milli jippermetti persuni li mhumiex dixxendenti minn Paolo Fiteni, inkluzi l-konvenuti Mary Cachia u Vince Fiteni, li jidfnu jew li jaghtu permess ghad-difna fl-oqbra 10, 10A u 10B East A.P. fic-Cimiterju ta’ Maria Addolorata f’Rahal Gdid, u dan jekk mhux bil-kunsens tal-werrieta ta’ Paolo Fiteni jew is-successuri taghhom fit-titlu.

“Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Settembru 2005 kontra l-konvenuti jew min minnhom, u li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

“Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol 19 tal-process.

“Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta’ Jannar 2007.

“Rat ir-risposta guramentat tat-Tabib Principali tal-Gvern datata 21 ta’ Novembru 2006 a fol. 24 tal-process fejn gie eccepixxa:-

“1. Illi preliminarjament ir-rapprezentantaza tad-Dipartiment tas-Sahha hija f’data f’idejn it-Tabib Principali tal-Gvern u n-nomenklatura Direttur Generali tas-Sahha ma hix wahda ezistenti legalment.

“2. Illi d-decizjoni min jindifen u fejn, tittiehed a bazi tad-dokumenti pprezentati minn min javvanta l-pretensjoni.

“3. Illi din il-procedura thaddmet ukoll fil-kaz mertu ta’ din il-kawza.

“Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat ir-risposta guramentata ta’ Mary u Vincent Fiteni datata 28 ta’ Frar 2007 a fol 49 tal-process fejn Vincent Fiteni eccepixxa: -

“Illi preliminarjament ghandha ssir korezzjoni mill-attrici f’isem l-imharrek Vincent Fiteni u dan peress illi ismu proprju huwa Dominic Fiteni.

“Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, il-gudizzju mhux integru *stante* li Mary u Dominic Fiteni huma biss tnejn mill-eredi u dixxendenti kollha ta’ Francesco Fiteni, min-naha ta’ Antonio Fiteni.

“Illi minbarra l-imharrkin Mary u Dominic Fiteni, hemm mill-inqas hamsin membri ohra tal-familja Fiteni, bhala kugini u sekondi kugini mit-tmin ulied ta’ Antonio Fiteni, li ghandhom titolu ta’ ko-proprjetari u qed jaghmlu uzu *uti domini* tal-oqbra mertu tal-kawza, tant li ilhom, bhall-imharrkin, jidfnu membri tal-familja Fteni f’dawn l-oqbra.

“Illi l-lista tad-dixxendenti kollha ko-proprjetarji f’ishma differenti tinsab fid-dokument prezentat mill-attrici stess, liema Dokument huwa immarkat bhala Dok. “GS 1”.

“Illi Francesco Fiteni, sid it-tliet oqbra mertu tal-kawza kellu tliet ulied, cioe`, Paolo Fiteni (mizzewwg), Antonio Fiteni (mizzewweg) u Emmanuel Fiteni (guvni).

“Illi t-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li hija biss allegazzjoni bla bazi li l-oqbra huma wirt esklussiv ta’ ulied Paolo Fiteni, jew l-aventi kawza taghhom, u dan ghaliex l-eredita ta’ Francesco Fiteni, li miet intestat fl-1913, ghaddiet b’mod ugwali fuq tliet uliedu Paolo, Antonio u Emmanuele Fiteni.

“Illi Francesco Fiteni miet intestat u ma hemm xejn li jindika, sia b’mod esplicitu, jew b’mod implicitu, li uliedu, Antonio u Emmanuele, irrinunzjaw ghall-wirt ta’ missierhom, kif qed tallega l-attrici fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur.

“Illi ulied Francesco Fiteni, kif ukoll id-dixxendenti kollha taghhom, minn kull wild, zammew l-oqbra mertu ta’ din il-kawza bhala taghhom, *uti domini*, u mhux minnu li dan kien hekk mizmum biss minn ulied Paolo Fiteni, b’mod esklussiv kif allegat fil-paragrafu 4 u 5 tal-istess rikors promotur.

“Illi kif jindikaw il-provi dokumentarji esibiti fl-atti tal-kawza mill-attrici stess, partikolarment id-dokument immarkat bhala Dok “GS 5”, il-konsulent legali tad-Dipartiment tas-Sahha stqarret car li *“xejn hlief id-dixxendenti ta’ minn akkwista il-qabar u li ghalhekk il-qabar huwa registrat fuq id-dritt li jindifnu fih, sakemm ma hemmx dispozizzjonijiet testamentarji kuntrarju ghal dan.”*

“Il-qabar huwa proprjeta’ immobbiljari u ghalhekk, di natura jista’ jghaddi minn persuna ghal ohra permezz ta’ kuntratt pubbliku, meta dan ikun fil-hajja tal-persuna, jew permezz ta’ testment.

“Fil-kaz in ezami, ma hemmx testment li jindika li l-proprjeta’ qed tghaddi minn ghand is-sid Francesco Fiteni, ghal fuq ibnu Paolo biss. Lanqas ma hemm indikazzjoni ta’ trasferiment *inter vivos* minn Emmanuele u Antonio Fiteni, lil huhom Paolo Fiteni.

“Illi mid-dokument “GS 2”, esibit fl-affidavit tal-attrici, u mill-lista esibita mal-istess hemm prova cara li l-oqbra huma registrati fuq Francesco Fiteni. *Oltre* dan, il-lista tindika b’mod car li ma kien hemm l-ebda rinunzja tacita minn Antonio u Emmanuele Fiteni (ulied sid l-oqbra), kif qed tallega l-attrici li zammew il-qabar *uti domini* b’mod esklussiv ghalihom.

“Ill skont l-istess dokument, Giovanna Fiteni, xebba Buttigieg, mart Antonio Fiteni, (nannet il-konvenuti Mary Cachia u Vincent, ahwa

Fiteni), indifnet fil-qabar ta' zewgha Antonio Fiteni, hu Paolo Fiteni. Hija mietet sena qabel zewgha li miet fl-1932. Din wahedha hija prova cara li, kuntrarju ghall-allegazzjoni tar-rinunzja verbali, kif allegat mill-attrici, Antonio Fiteni difen lill-martu fil-qabar li wiret minn ghand missieru.

"Illi skont l-istess dokument, Giuzeppe Fiteni, hu missier il-konvenuti, u li jidher fil-lista bhala Joseph, miet guvni f'Marzu tal-1967 u indifen fil-qabar mertu ta' din il-kawza bhala wiehed mill-eredi ta' Antonio Fiteni. L-istess jinghad ghall-Carmela Fiteni (li mietet fl-1953), Louis Fiteni (li miet fl-1971) u Francesco Fiteni, (li miet fl-1979) tifel ta' Antonio Fiteni, (u neputi dirett ta' Francesco Fiteni, sid il-qabar).

"Illi wara l-1971, bl-istess mod ininterrot id-dixxendenti ta' Frsancesco Fiteni mill-branka ta' Antonio Fiteni baqghu jidfnu fil-qabar mertu tal-kawza bhala proprjeta' in komun u *uti domini*, mal-eredi u dixxendenti ta' Paolo Fiteni, li minnha hija imnissla l-attrici.

"Illi l-uzu ininterrot tal-oqbra huma prova cara li la fil-passat u lanqas fil-prezent ma kien hemm rinunzja verbali ghal dan il-qabar, u li ghalhekk, il-konvenuti u dawk kollha dixxendenti bhalhom, huma ko-proprjetarji fil-qabar bhall-attrici, f'ishma differenti.

"Illi permezz ta' ittra tal-10 ta' Gunju 1998, il-konvenuti kienu oggezzjonaw u pprotestaw mal-istess Dipartiment tas-Sahha ghall-allegazzjonijiet tal-attrici u huta, u li l-*indemnity form* kienet biss wahda inkonklussiva u ma kopritx il-komproprjetari kollha.

"Ghaldaqstant, fuq ragunijiet premessi f'din ir-risposta, u fuq provi ohra li ghandhom jitressqu fil-kors tal-kawza, it-talbiet tal-attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra taghha.

"Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness ta' Mary u Vincent Fiteni a fol 51 – 53 tal-process.

...................................................................................................................

"Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici datata 21 ta' Marzu 2011 a fol 189 tal-process.

"Rat in-nota responsiva tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern datata 15 ta' April 2011 a fol 193 tal-process.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva u tal-gheluq tal-konvenju datata 7 ta' April 2011 a fol 196 tal-process.

"Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

"Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

“Rat id-dokumenti esebiti.

“Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

“**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

“Illi f’dan il-kuntest jinghad li f’azzjoni *rei vendicatoria,* bhala ma hija dik istitwieta mis-socjeta’ attrici, kif inghad fis-sentenza **“Rosaria sive Lucy Dimech vs Giorgia Cassar et”** (P.A. (RCP) – 29 ta’ Novembru 2007) li l-attur irid jipprova li ‘l hinn minn kull dubju li huwa proprjetarju ta’ l-istess art minnu ndikata u sakemm dan issir il-konvenut ma jista’ jaghmel xejn.

“Illi fil-fatt din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi **“Vincent Ciliberti nomine vs Marianna Spiteri et”** (P.A. (RCP) – 27 ta’ Frar 2003) u **“A.M. Developments Limited vs Joseph Vella”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2011) fejn gie citat dak li qal ***Andrea Torrente*** fil-ktieb **‘Trattato Di Diritto Civile’** fis-sens li:-

> “*La revendicazione (art. 948 cod.civ.) e’ la principale delle azioni petitorie ed e’ concessa a favore di colui che si affarma proprietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene”.*
>
> “*L’attore, in conformita’ delle regole generali, ha l’onero di dimostrare il suo diritto; percio`, se l’acquisto non e’ a titolo originario, ha l’onero di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originario. A voler andare all’infinito, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di ‘probatio diabolica)”.*
>
> “*La posizione del convenuto riguardo alla prova e’ molto piu’ comoda di quella dell’attore (“commodum possessionis”): egli puo’ limitarsi a dire ‘possideo quia possidea’ ed attendere che l’attore provi il suo diritto”.*

“Illi din il-posizzjoni giet ikkonfermata fil-gurisprudenza nostrali fejn fis-sentenza **“Alosia Fenech u ohrajn vs. Francesco Debono u iehor”** (P.A. (W.H.) 14 ta’ Mejju 1935 – XXIX.ii.488) inghad li:-

> “*Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Abela vs Gauci” maqtugha fl-1 ta’ Dicembru 1877 (VIII.367) il-konvenut, indipendentement min-natura tal-pussess tieghu, ghandu dritt jirrikjedi, l-ewwel nett il-prova tal-proprjeta` mill-parti tar-rivendikant. Jghid a propositu Laurent (Vo.VI.160): ‘e dunque il suo diritto di proprieta’ che il rivendicante deve provare. Finche’ non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla a provare: egli puo’ sebare il silenzio, e vincere’ la lite per cio’ solo che il rivendicante non avra’ provato di essere proprietario. Cio’ e’ universalmente ammesso dalla dottrina e dalla gurisprudenza”.*

"Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Perit Carmelo Falzon vs Alfred Curmi"** (P.A. (JSP) 5 ta' Ottubru 1995, - LXXIX.iii.1257) fejn gie affermat li:-

> "*L-azzjoni tentata mill-attur hi dik rivendikatorja. L-eccezzjoni decennali moghtija mill-konvenut tittanta toqtol dik l-azzjoni indipendentement mill-validita' tat-titolu li jippretendi li ghandu l-attur u dan qabel ma ssir investigazzjoni fil-fond ta' tali titolu. Japplikaw dawn il-konsiderazzjonijiet ta' ligi:*
>
> "*Min jitlob ir-revendikazzjoni ta' immobbli ghandu d-dover li qabel xejn hu jipprova l-proprjeta` tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni ma ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza".*
>
> "*Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta` tar-rivendikant, hija ghandha ssostni lill-pussessur".* (*vide* **"Giuseppe Buhagiar vs Guzeppi Borg et"** (A.C. – 17 ta' Novembru 1958).

"Illi l-istess gie kkonfermat fis-sentenza **"Clive Simpson *nomine vs* Dr. Gaudenz Borg"** (A.C. (GMB) 6 ta' Lulju 1993 – LXXXVII.ii.310) fejn inghad li:-

> "*Fl-azzjoni rivendikatorja, l-attur ghandu jipprova d-dominju tieghu fuq il-haga rivendikata u mhux bizzejjed li jipprova li l-istess haga mhux tal-konvenut ghaliex il-ligi tirrikjedi li jipprova b'mod inekwivoku li l-istess hija tieghu innifsu. Ghandu ghalhekk l-oneru tal-prova u l-prova li hi rikjesta minnu trid tkun kompleta u konkluzziva".* **("Av.Dr. Rene' Frendo Randon noe vs Francis Camilleri *et nomine*"** - A.C. (H.H.) 2 ta' Dicembru 1987. LXXI.ii.531; **"Alfred Copperstone vs Francesco Grech et"** – P.A. (J.C.C.) 14 ta' Dicembru 1951 ).

"Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Cassar vs Trevisan"** (A.C. 4 ta' Dicembru 1879) fejn jinghad li:-

> "*"L'attrice, appogiando la sua odierna azione al diritto di proprieta'. Era nell'obbligo, gusta la nottissima regola che l'attore deve provare I fatti necessari per stabilire la sua domanda, di dimostrare che la detta persona n'era veramente proprietaria".*

"Illi l-estremi tal-azzjoni rivendikatorja **"Wisq Reverendu Kan. Giuseppe Cassar nomine vs Emmanuele Barbara et"** (A.C. – 7 ta' Ottubru 198) huma ghalhekk:-

(1) "li l-attur rivendikant jipprova li ghandu d-dominju fuq il-haga li huwa jrid jirrivendika u li akkwista dak id-dominju legittimament; u

(2) "li l-konvenut ikun qed jippossjedi dik il-haga.

"Illi dwar l-ewwel rekwizit, il-prova trid tkun pjena u konvincenti; u din il-prova ma tigix raggunta jekk ir-rivendikant juri titolu car u preciz tad-dominju tieghu. Jekk ir-rivendikant ma jaghmilx din il-prova, l-konvenut

ma ghandu bzonn li jipprova xejn ghax sakemm ir-rivendikant ma jaghmilx dik il-prova, l-possessur tal-haga m'ghandux bzonn jiccaqlaq u kwindi huwa tenut li jsostni l-eccezzjonijiet tieghu li jkun ta kontra d-domanda tar-rivendikant (**"Antione Salamone et vs John Azzopardi et"** (P.A. (GV) 26 ta' April 2002).

"Illi konsistenti ma dan ***Walter Bigiavi*** jghid fil-ktieb **'Gurisprudenza Sistematica Civile e Commerciale'** (pg. 865) li:-

> "*"La prova della proprieta' si e' detto, dev'essere completa perche' l attore rivendicando, pone in essere il suo diritto di proprieta' e quindi il giudice, ha il dovere di pretendere la prova piena, non essendo sufficiente che l'attore dimostri di avere un titolu piu' forte di quello del convenuto"* (*vide* XXIX.ii.488 ; XXXV.ii.518 ; **"Abela vs Gauci"** – Vol. VIII.367).

"Illi ghalhekk kif intqal fis-sentenza **"Anthony Mercieca vs Victor Buhagiar"** (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) li *"abbazi ta' din il-gurisprudenza konsistenti u konstanti jirrizulta li ghal fini ta' din il-kawza l-attur jrid u ghandu l-oneru tal-prova kollha fuqu, li biha jrid jikkonvinci li ghandu dritt ta' proprjeta` fuq il-bicca art mertu tal-kawza odjerna, u dan stante li l-konvenut qed jistrieh ukoll fuq il-pussess li huwa ghandu 'animo domini".* **("Sac. Don Giovanni Agius nomine vs Paolo Genovese et"** - A.C. 21 ta' Jannar 1946) ; (**"Paul Camilleri et vs Joseph Camilleri"** (P.A. (RCP) 4 ta' Ottubru 2001) ; **"Giuseppi Vella vs Peter Sciberras"** (P.A. (RCP) 28 ta' Novembru 2002).

"Illi fil-fatt fis-sentenza **"Albert Mizzi nomine vs Rita Azzopardi"** (A.C. (JSP. CAA. N.A) 27 ta' Marzu 1996 – LXXX.ii.605) inghad ukoll li:-

> "*"L-azzjoni esperita mill-attur nomine hi azzjoni 'rei vendicatoria', li hi azzjoni reali li ghandha bhala oggett taghha r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjeta` ta' l-attur u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata. Huwa ghalhekk li din l-azzjoni jehtieg li tigi istitwita kontra dak li attwalment ikun jipposjedi l-haga".* (*vide* **"Paul Agius et vs Michael Scicluna"** - P.A. l-1 ta' Ottubru 1996).

"Illi izda jigi nnutat li l-istess konvenuti f'din il-kawza mhux biss qaghdu fuq din l-eccezzjoni izda jidher li qed isostnu li huma ghandhom titolu fuq l-istess qabar ghaliex huma dixxendenti wkoll minn Francesco Fiteni li kien xtara l-istess qabar illum mafghruf bhala 10 A u 10 B fic-Cimiterju ta' Maria Addolorata f'Tal Horr, f'Rahal Gdid fit-3 ta' Lulju 1890, u huma dixxendenti tal-istess tramite Antoni Fiteni, iben l-istess Francesco Fiteni, li dejjem zamm it-titolu tieghu fuq l-istess qabar u ssucceda wkoll lill-missieru fil-wirt tieghu, kif ghamel ibnu l-iehor Paolo, li huwa l-avendi causa tal-atturi.

"Illi f'dan il-kuntest jista' jinghad li jissussistu l-elementi indikati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Grezzju Spiteri vs.**

**Catherine Baldacchino"** (A.C. (JSP) (CAA) (JDC) – 9 ta' Frar 2001) fejn inghad li:-

> *"Huwa principju fundamentali tad-dritt gudizzarju illi meta l-konvenut ma jirrispengiex il-pretensjonijiet ta' l-attur, sempliciment permezz tal-pussess li huwa ghandu animo dominii, imma jgib il-quddiem titolu li bih ried u jrid jipprova d-dritt tieghu ghall-haga li ghandu f'idejh, huwa mehtieg li jigi ezaminat dak it-titolu akkampat mill-konvenut. U allura l-prova ta' dak it-titolu taqa' fuq il-konvenut li jallegah" (Volume XXX.ii.765). ………(Jekk il-konvenut ma jasalx biex jipprova t-titolu tieghu, allura ma jistax izjed jinheba wara l-pussess u jghid "possideo quia possideo" ghaliex huwa nizel fil-kamp u fil-lotta gudizzjarja taht titolu ta' proprjeta' li jippretendi u jekk dak it-titolu jaqa', huwa ma jibqaghlu xejn precizament ghaliex dak il-pussess li huwa qed jippretendi li ghandu huwa kollu bazat fuq dak it-titolu tal-proprjeta' li huwa akkampa. Hu ghalhekk li f'dan il-kaz kif tajjeb issottmetta l-appellant "melius est non habere titolum quam habere vitoiosum"……"*

"Illi dan gie llum ikkonfermat diversi drabi fil-Qrati nostrali tant li fil-kawza **"L-Onorevoli Perit Carmelo Vella et vs Anthony Cassar"** (P.A. (TM) – 17 ta' Marzu 2005) inghad li:-

> "*'Il-principju li min ghandu t-titolu ahjar jirbah il-kawza, minghajr il-htiega li dak li jkun jipprova t-titolu assolut, illum jinsab assodat fid-duttrina. Gia fis-seklu dsatax Francis E. Levy fil-ktieb "Preure par title du Droite de Propriete' Immobiliere" kien wasal ghall-konkluzjoni li l-proprjeta' huwa wara kollox dritt relattiv, u l-gudizzju ghandu jkun bazat fuq min, f'kawza bejn il-partijiet ikun ressaq l-ahjar prova. Awturi ohra jiddiskrivu l-azzjoni rei vendicatoria bhala 'una contraverseria tra privati'. (Tabet e Ottolenghi, La Proprieta'). Il-Pacifici Mazzoni jghid ukoll "sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu` fondato di quello del reo convenuto'. Illi din it-teorija tal-prova migliore ghandha l-bazi taghha fid-dritt ruman, u kienet tissejjah l-actio pubblicana. Li din l-azzjoni ghadha tezisti fid-Dritt Malti jirrizulta mill-gurisprudenza, fosthom <u>Attard v. Fenech</u> deciza fit-28 ta' April 1875 (Kollez Vol. XII. 390) fejn intqal li: "Con l'azione rei vendicatoria, l'attore deve provare di averne dominio della cosa che voule rivendicare e di averla legittimamente acquistata; con l'azione publicana deve provare di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu` debole del suo.........Kwindi, l-attur mhux tenut jipprova titolu originali, izda bizzejjed jipprova titolu ahjar minn dak tal-konvenut".* (**Vella vs Camilleri"** – A.C. 12 ta' Dicembru 2002); **Direttur tal-Artijiet vs Polidano Brothers Limited"** (P.A. – 7 ta' Lulju 2004; **"Il-Kummissarju ta' l-Artijiet vs Frans Mallia"** (P.A. (JRM) – 20 ta' Jannar 2005); **"John Vella vs Sherlock Camilleri"** (A.C. – 12 ta' Dicembru 2002); u **"Benmar Company Limited vs Charlton Saliba"** (P.A. – 9 ta' Ottubru 2003).

"Illi dwar dak vantat mill-atturi ssir riferenza ghal dak li inghad fis-sentenza **"Salvino Testaferata Moroni Viani vs Francis Montanaro"** (P.A. (PS) – 27 ta' Gunju 2003) fis-sens li:-

> "*Hemm distinzjoni elementari bejn il-preskrizzjoni estintiva u l-preskrizzjoni akkwizitiva tal-proprjeta'. Filwaqt li fl-ewwel kaz min jaghti l-eccezzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli, jkun mbaghad jispetta lill-..... kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezz li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni, fit-tieni kaz tal-preskrizzjoni akkwizittiva jispetta lill-konvenut debitur mhux biss li jipprova l-perkors taz-zmien stabbilit mill-ligi, imma wkoll l-elementi kollha li l-ligi tezigi li jigu ppruvati biex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva tinghata b'success".*

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Apap Bologna Sciberras D'Amico Inguanez vs Sammut Emanuel"** (P.A. (PS) – 28 ta' Marzu 2003) u **"Olive Gardens Investments Limited vs Salvu Farrugia et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Gunju 2011) inghad li l-pussess ta' tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, u b'hekk irid ikun hemm pussess materjali fis-sens li jkun hemm il-poter ta' fatt fuq il-haga u dak intenzjonali, cjoe' l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprejatarju taghha - *"animus et corpus; corpis possessionis, et animus possidendi vel dominus domini"* b'dan li mhux bizzejjed li jkollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgwadija taghha mhux bhala haga proprja, imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja **"Rosaria Darmanin et vs Giorgia Cassar et"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Jannar 2007).

"Illi fil-fatt gie kkonfermat fis-sentenza **"Aquilina vs Verdala Mansions"** (P.A. – 5 ta' Ottubru 2004) fejn inghad li:-

> "*Rigward il-kuncett tal-pussess rikjest, jinsab insenjat illi tnejn huma l-elementi basici tieghu; dak materjali konsistenti fil-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali konsistenti fl-animus tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallieku hu kien proprjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis et animus possidendi vel animus domini Mhux bizzejjed li jkun ezercizju bil-bona grazzja u tolleranza".*

"Illi f'dan il-kuntest jidher li l-atturi qed jibbazaw li ghandhom titolu esklussiv fuq l-istess qabar fuq il-preskrizzjoni ta' tletin sena, u tali preskrizzjoni akkwisittiva tirrikjedi la titolu u lanqas buona fede, izda tirrikjedi biss pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u dan ghal zmien tletin sena (**"Borg vs Farrugia nomine et"** – A.C. 15 ta' Marzu 1957 – Vol. XLI. i. 168) u **"Chetcuti et vs Xerri"** – A.C. – 31 ta' Mejju 1996. F'din l-istess vina hemm is-sentenza ricenti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Lawrence Sciberras li b'digriet tat-3 ta' Settembru 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem John Sciberras li miet fil-mori tal-kawza vs Joseph Sciberras et"** (A.C. 7 ta' Lulju 2006) fejn inghad li sabiex jigi ppruvat it-titolu hawn imsemmi hemm l-obbligu li ssir il-prova tat-titolu u f'dan il-kaz wiehed irid juri li l-pussess kien legitimu, kontinwu, mhux interott, pacifiku, publiku u mhux ekwivoku **(Vol. XXXV.i.105).**

"Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza **"Grezzju Spiteri vs Catherine Baldacchino"** (A.C. – 9 ta' Frar 2001), **"In-Nutar Philip Saliba et vs Carmel Vella et"** (P.A. (RCP) - 10 ta' Gunju 2006) fejn inghad li l-preskrizzjoni akkwizittiva tranterinali hija *"preskrizzjoni din la tirrikjedi l-'giusto titolu' u lanqas il-'buona fede' u dana in kwantu ghall-ewwel rekwizit jigi sostitwit proprju z-zmien u ghat-tieni tissuplixxi l-presunzjoni tal-ligi (Vol.XXIX.ii.488). Din il-preskrizzjoni hija fondata fuq il-"pussess u dan il-pussess ghandu certu karattri. Irid ikun, cioe' kontinwu, pacifiku, fis-sens li ma jidhirx li kien originat minn attijiet ta' vjolenza, u lanqas klandestin; irid ikun univoku u 'animo domini' (P.A. Fench et cs Debono, 14.5.1935. Vol. XXIX.ii.488). Fi kliem iehor, il-pussess irid ikun legitimu, fis-sens ta' dgawdija ta' jedd li wiehed izomm jew jezercita bhala tieghu innifsu, jigieiferi esklussiv, u assolut u mhux bizzejjed li jkun ezercizzju bil-buona grazzja jew tolleranza (Appell "Grixti vs Ellul" 15.12.1939 Vol. XXX.i.457; P.A. Mamo vs Vella, 1.2.1951, Vol, XXXI.ii..341; Appell "Caruana et vs Vella 13.3.1953, Vol.XXXVII.i.105; "Briffa vs Sammut", P.A. 21. 5. 1953, u Appell 29.1.1954)" (Grazia Borg vs Rose Farrugia noe et. deciza mill-Appell fil-15/3/67. Vol.XLV.i.168).*

"Illi f'dan il-kuntest tal-kawza odjerna din il-Qorti thoss li la darba hekk huwa l-kaz, fejn il-konvenuti mhux biss qed jopponu t-titolu tal- attrici, izda qed jippretendu li huma l-proprjetarji tal-istess art, mela allura kif inghad fis-sentenza fuq citata **"L-Onorevoli Perit Carmelo Vella et vs Anthony Cassar"** (P.A. (TM) – 17 ta' Marzu 2005), u **"Carmelo Attard et vs Carmel Muscat et"** (A.C. – 18 ta' Dicembru 2009 li approvat dak li nghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2007 (GV) li allura l-posizzjoni hija li kif:-

> "*Gie ritenut fid-decizjoni tal-Prim Awla fl-ismijiet Mary Rose mart Joseph Aquilina et vs Antonio Piscopo illi meta l-konvenut jirreklama hu wkoll titolu ta' proprjeta' fuq l-art gie permess li l-ezami ma jkunx bazat fuq il-prova certa tat-titolu tal-attur, izda fuq wiehed komparattiv tat-titoli rispettivi tal-kontendenti. Ghalhekk la darba l-attur jipprova t-titolu tieghu, spetta lill-konvenut jipprova xi titolu ahjar, bi provi cari, univoci u indubbi. Inghad ukoll fid-decizjoni moghtija fil-kawza fl-ismijiet Abela v. Zammit li meta l-imharrek jaghzel li jecepixxi d-dritt ta' proprjeta' "huwa jkun qieghed implicitament jirrikonoxxi d-dominju jew titolu tal-attur, izda jkun qieghed ighid illi t-titolu tieghu huwa aktar validu u kwindi skond ir-regoli probatorji 'reus in excipiendo fit actor', din id-difiza timporta li l-konvenut jghaddi ghall-provi tat-titolu tieghu, u jekk ma jirnexxilux fil-mertu, jkollha tipprevali l-massima "melius est non habere titolum quam habere vitiosum".* Fis-sentenza **"Direttur tal-Artijiet vs Vincent Farrugia et"** (A.C. – 27 ta' Marzu 2009 dan gie kkonfermat meta nghad li meta l-konvenut mhux biss jillimita ruhu sabiex jiddefendi ruhu fuq bazi ta' pussess, imma wkoll fuq dak ta' titolu, il-Qorti trid tezamina wkoll dan it-titolu u tqis is-siwi tieghu bl-istess gharbiel li bih tqis it-titolu tar-rivendikant, u dan ghaliex f'dan il-kaz, *"l-ezami ma jkunx bazat fuq prova certa tat-titolu tal-attur, izda fuq wiehed komparattiv tat-titoli rispettivi tal-kontendenti. F'dan il-kaz il-gudizzju ma jkunx wiehed ta' effett erga omnes bazat fuq prova certa tat-titolu ta' l-attur, izda inter partes, bazat fuq studju komparattiv tal-*

*pretensjonijiet tal-partijiet (Aquilina M v. Piscopo A. Prim Awla, deciza 24 ta' Ottubru 2003). Ghalhekk hawnhekk l-attur m'hemmx ghalfejn jipprova titolu originali, izda bizzejjed jipprova titolu ahjar minn dak tal-konvenut".*

"Illi skjerati l-principji legali ma hemmx dubju li kif inghad il-qabar kien mixtri minn Francesco Fiteni fit-3 ta' Lulju 1890, u huwa miet fil-1913 intestat u kellhu tlett ulied, Paolo, Antonio u Emmanuele mill-ewwel mara tieghu Madelena li kienet mietet, u l-qabar kien inxtara wara li kien izzewweg lit-tieni mara tieghu Valentina *sive* Martina Lupi, li inghad li li halliet lil Antonio Fiteni bhala eredi; Emanuel Fiteni miet bhala guvni u allura wirtuh hutu Paolo u Antonio, li d-dixxendenti taghhom qed jikkontestaw din il-kawza, bhala atturi u l-konvenuti rispettivament.

"Illi l-atturi jsostni li huma werrieta ta' Paolo Fiteni, u li Antonio Fiteni kien irrinuznja (ma huh) ghall-proprjeta' tal-istess qabar, b'dan li Paola Fiteni kien jamministra l-istess qabar, u wara l-mewt tieghu fin-1942, kienu Ganni Fiteni u omm l-attrici Maria Borg Bonaci li kien jamminstraw eslussivament l-istess qabar u hekk baqghet is-sitwazzjoni sas-sena 1979 meta miet Francesco Fiteni, kugin ta' Maria Borg Bonaci, li indifen fil-qabar minghajr il-kunsens tal-atturi jew l-avendi causa taghhom; jinghad li l-istess gara fis-sena 1980 meta miet huh Guzeppi Fiteni.

"Illi l-allegazzjoni attrici li Paolo Fiteni gawda pussess interott tal-istess qabar ta' l-fuq min tletin sena sal-1979, u dan tirreferi ghan-nofs il-qabar li kien wiret dirett minghand missierhu wara l-mewt tieghu fin-1913; dwar in-nofs l-iehor li huwa dan huwa tieghu ghaliex kien il-werriet ta' Martina Fiteni li halliet lilhu bhala eredi. L-argument tal-atturi huwa fis-sens li Paolo Fiteni (+1942) jew l-*avendi causa* tieghu saru padruni assoluti tal-istess qabar fil-1947 u cjoe' gheluq l-10 snin mill-mewt ta' Martina Fiteni, mentri ghar-rigward in-nofs l-iehor tapplika l-preskrizzjoni ta' 30 sena u dan allura saru padruni assoluti fin-1967.

"Illi din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-allegazzjoni li Paolo Fiteni kellu pussess interrott tal-istess qabar u dan ghal tletin sena, f'dik il-porzjoni li huwa wiret minghand missieru, ghaliex inghad li hutu Emmanuele u Antonio kienu rrinunzjaw ghall-wirt tal-istess qabar favur l-imsemmi Paolo, pero' din il-Qorti thoss li prova ta' din assulutament ma ngabitx; lanqas ingabet ebda prova li l-istess Paolo Fiteni b'xi mod kien jamministra l-istess qabar qisu tieghu, u l-fatt li huwa miet fis-sena 1942 huwa ma setax, anke skond l-atturi, joqghod fuq il-preskrizzjoni ta' 30 sena, ghaliex din kienet ghada ma ghaddietx, almenu kif kalkolata mill-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom; dwar l-allegazzjoni li kienu ulied l-istess Paolo Fiteni, u specifikatament Gianni Fiteni u Maria Borg Bonaci (omm l-attrici) li kienu jamministraw l-istess qabar, din il-Qorti thoss li din ma gietx sodisfacentement ippruvata u fuq kollox jidher li fl-istess terminu imsemmi mill-atturi, kienu indifnu fl-istess qabar fin-1931 Giovanna

Fiteni mart Antonio Fiteni (n-nanna tal-konvenuti Mary Cachia u Vincent Fiteni, fin-1953 indifnet hemm Carmela Fiteni (+1953), Joseph Fiteni (+1967) li kollha kemm huma huma dixxendenti ta' Antonio Fiteni, u ma jirrizultax li dan id-dfin fl-istess qabar sar bil-kunsens tal-attrici jew tal-avendi causa taghha, u dawn id-difnet jirrizultaw ukoll konfermati mid-Dok. "GS 26" – a fol. 37 tal-process li fih jidhru l-lista ta' deceduti li gew midfuna fl-istess qabar, u mill-istess jidher car li kemm l-eredi ta' l-istess Paolo Fiteni u kemm l-eredi ta' Antonio Fiteni indifnu fl-istess qabar. Hekk baqa' jsir anke wara fejn jirrizulta li indifnu fl-istess qabar familjari ohra minn naha ta' Antonio Fiteni u cjoeo Alfred Sciberras Fiteni (+ 12.11.1970), Luigi Fiteni (+29.12.1971), Joseph Fiteni (+25.03.1980), Nazzarena Mallia (+1979), Madalena Sciberras (+11.1.1983), Francesco Fiteni (1980), Domenico Fiteni (+4.09.1983), Joseph Mallia (+30.3.1994) u dan huwa kkonfermat mid-Dok. "GS 26", u ma hemm ebda prova li kien intalab xi kunsens da parte tal-attrici jew lal-avendi causa taghhom, u jidher li d-dfin sar bhala successuri fit-titolu ta' Francesco Fiteni, u jidher li l-istess qabar anke mal-awtoritajiet koncernati baqa' ragistrat fuq Francesco Fiteni (Dok. "GS 2a") u dan ghaliex anke mid-dipartiment dejjem gie ritenut skond ix-xhieda ta' Mario Cassar, Senior Principal Environment Health Officer, bhala rappresentant tat-Tabib Principali tal-Gvern moghtija minnu fid-9 ta' Frar 2011, li id-Dipartment dejjem ikkonsidra li d-dixxendenti kollha ta' Francesco Fiteni kellhom id-dritt li jindifnu fl-istess qabar, naturalment bhala ko-proprjetarji tal-istess u dan huwa kkonfermat ukoll li matul is-snin kollha, anke dawk citati mill-attrici.

"Illi ovvjamentment il-kwistjoni li jigi determinat ta' min huwa l-qabar hija kwistjoni ta' ligi u mhux min id-dipartiment koncernat jirrikonoxxi u ghalhekk hija korretta l-osservazzjoni ta' Dr. Brigette Gafa ghan-nom tad-Dipartiment tas-Sahha u tat-Tabib Principali tal-Gvern fit-22 ta' Marzu 2000 sostniet li *"id-dixxendenti ta' min akkwista l-qabar u li ghalhekk il-qabar huwa registrat fuq ismu, ghandhom id-dritt li jindifnu fih sakemm ma hemm disposizzjonijiet testamentarji kuntrarji ghal dan"* (Dok. "GS 5 – fol. 45) u mill-provi prodotti jirrizulta li l-eredi ta' Francesco Fiteni kienu uliedhu, nkluz Paolo u Antonio Fiteni, u huma u l-eredi tal-istess dejjem ezercitaw l-istess drittijiet bhala ko-proprjetarji fuq l-istess qabar, u allura ma jistax jinghad, li l-attrici jew l-avendi kawza taghha qatt kellhom pussess esklussiv fuq l-istess qabar u certament ma jistax jinghad li Paolo Fiteni jew l-avendi causa tieghu ezercitaw pussess fuq l-istess qabar "animo domini" u ghalhekk ghall dik li hija preskrizzjoni akkwisitiva l-perjodu ta' zmien ma huwiex bizzejjed izda jridu jigu ppruvati l-elementi ta' pussess li l-ligi tesigi (**"Joseph Aquilina nomine vs Sunny Homes Limited"** (P.A. (NC) – 5 ta' Ottubru 2004) **"Josianne Sciberras vs Giovanni Vella et"** (A.C. – 21 ta' Frar 1996); **"Jeremy Holland nomine vs Joseph Chetcuti"** (A.C. – 25 ta' Frar 2000); **"Salvino Testaferrata Moroni Viani vs Francis Montanaro"** (P.A. (PS) – 27 ta' Gunju 2003).

"Illi infatti fil-kawza fl-ismijiet **"Antoine Salamone et vs John Azzopardi"** (P.A. (GV) – 26 ta' April 2002) inghad li:-

> "*l-konvenuti qed jbbazzaw it-titolu taghhom ghall-art a bazi tal-preskrizzjoni trentenali a tenur ta' l-artikolu 2143 tal-Kap. 16".*
>
> "*L-artikolu 2107 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi".*
>
> "*L-azzjonijiet kollha, reali personali jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u l-ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi (artikolu 2143).*
>
> "*Ghalhekk min jecceppixxi l-preskrizzjoni akkwizittiva ghandu kategorikament mhux biss il-pussess anino domini imma anke illi huwa possjeda minghajr interuzzjoni ghaz-zmien kollu ta' 30 sena preskritti mill-ligi. Din il-prova jriedu jaghmluha l-konvenuti".*
>
> "*Ir-rekwiziti biex tirnexxi din l-azzjoni huma li l-pussess irid ikun wiehed kontinwu, mhux miksur, ghal tletin sena, pacifiku, pubblik, (univoku) mhux ekwivoku – (cjoe' juri bic-car li wiehed jipposedi bhala sid".*

"Illi jirrizulta car li l-attrici ma ippruvatx li hija jew l-avendi kawza kellhom jew ezercitat pussess esklussiv, anzi l-provi huma tali li juru li l-eredi kollha ta' Francesco Fiteni, kemm dawk gejjin mill-linja ta' ibnu Paolo, u kemm dawk gejjin mill-linja ta' ibnu Antonio, dejjem ippretendew li bhala ko-proprjetarji tal-istess qabar juzaw l-istess u mill-provi din il-Qorti thoss li gie ppruvat li Antonio Fiteni u d-dixxendenti tieghu huma sidien ta' kwart indiviz mill-istess qabar u ghalhekk ghndhom dritt bhala tali li jidfnu d-dixxendenti taghhom fl-istess qabar, u allura f'dan il-kuntest ma jistax jinghad li t-talbiet attrici gew ippruvati u ghalhekk qed jigu michuda.

"**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta guramentata tal-konvenuti Mary Cachia et datata 28 ta' Frar 2007 u r-risposta guramentata tat-Tabib Principali tal-Gvern datata 21 ta' Novembru 2006 biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.**

"**Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.**

"**Moqrija**".

L-attrici ghalhekk appellat minn din is-sentenza u qed titlob ir-revoka taghha u allura li jigu akkolti t-talbiet attrici; l-appellati rrispondew billi talbu l-konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJI**

**Fl-ewwel aggravju** taghha l-appellanti tghid li l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta cahdet anke t-tieni talba taghha ghaliex izzid tghid li ma kien hemm ebda kontestazzjoni li hija ko-proprjetarja tal-qabar inkwistjoni u ghalhekk kif qalet sewwa l-istess Qorti kull min ghandu sehem minnu ghandu dritt jindifen fih. Allura ma kien hemm ebda dubbju f'dan ir-rigward u anke l-istess appellati jirrikonoxxu dan.

Hu car hafna mill-atti tal-kawza li l-appellanti f'dan ir-rigward ghandha ragun tilmenta minn din il-parti tas-sentenza. L-istess appellati jikkontestaw it-talba attrici ghaliex qed titlob li l-Qorti tiddikjaraha **proprjetarja esklussiva** tal-qabar; fit-tieni talba taghha qed titlob biss li d-dixxendenti ta' Paolo Fiteni (naturalment hja wahda minnhom) ghandhom dritt jindifnu fih. Dwar dan ma hemmx dubbju u allura l-aggravju huwa gustifikat.

**It-tieni aggravju** jirreferi ghac-cahda tal-ewwel talba attrici u cioè li l-oqbra inkwistjoni huma proprjetà esklussiva tal-werrieta ta' Paolo Fiteni. L-appellanti issostni li gabet bizzejjed provi li l-awtur taghha Paolo Fiteni

kien sar propjetarju uniku tal-oqbra permezz tal-preskrizzjoni trentennali. Si tratta allura ta' kritika ghall-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti.

Il-Qorti terga' tfakkar kif ghamlet diversi drabi li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); madankollu "*Din il-Qorti pero' f'kaz tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-*

*gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

Huwa maghruf li f'azzjoni rivendikatorja - kif hija din il-kawza, l-attur irid jipprova t-titolu tieghu minghajr ebda ombra ta' dubbju; ara per ezempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-1958 fil-kawza fl-ismijiet **Borg v. Buhagiar**. F'dik il-kawza ntqal illi kwalunkwe dubbju ghandu "*jimmilita favur il-konvenut possessur.* "*L'attore rivendicante deve provare in modo posittivo la proprieta' che reclama e basta il semplice dubbio sulla pertinenza della proprieta' perche il convenuto che e al possesso dev'essere assolto delle domanda*". **(Vol. XXIX.ii.488**). Dan huwa biss ezempju ghaliex hemm diversi sentenzi ohra simili. Wiehed jista jsib rassenja dettaljata taghhom fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **Anthony Mercieca v. Anthony Buhagiar** fit-23 ta' Ottubru 2001. Fiha gie citat ukoll l-awtur Torrente ezatt kif citat fis-sentenza appellata.

Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti l-konvenuti ma strahux biss fuq il-pussess fid-difiza taghhom izda eccepew li huma kopropjetarji fil-kwart indiviz tal-oqbra kontestati u f'sitwazzjonijiet bhal dawn fis-snin ricenti din il-pozizzjoni ccaqalqet wara hafna snin tant illi il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijet **John Vella et v. Sherlock Camilleri** moghtija fit-12 ta' Dicembru 2002 adottat pozizzjoni kemmxejn differenti billi qalet illi "*il-*

*Qrati taghna, konsapevoli bid-diffikolta li ssir tali prova u fl-interess tal-gustizzja accettaw il-possibilta' li l-attur jirnexxi fil-kawza li ii jaghmel in forza tal-***actio publiciana***. Hekk fil-kawza* **Attard nomine v. Fenech** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1875 (Vol VII p 390) osservat, 'che l' azione intentata dell' attore nel suo libello quale procuratore dell' assente Angelo Zarb e' duplice, la rivendocaoria e la publiciana, giusta i principii della leggeromana; colla prima l' attore deve provare di aver il dominio della cosa che vuole rivendicare; colla seconda di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu debole del suo. Che e' ricevuto nel foro che le dette due azioni si possono cumulare ed esercitare alternattivamente, nonostante che anche tendono allo stess oggetto. (Ara ukoll* ***Fenech v. Debono Prim'Awla 14 -5- 1935****)".* Dan ghalhekk ifisser li meta l-konvenut ukoll jivvanta titolu, il-Qorti trid tinvestiga jekk it-titolu tal-attur huwiex ahjar minn dak tal-konvenut biex l-azzjoni tirnexxi.

F'dan il-kuntest, "*minhabba li f'xi kazijiet ikun impossibbli li wiehed juri titolu originali, sa minn dejjem gie moghti lir-rivendikant id-dritt li jipprova titolu ahjar minn dak tal-parti mharrka. Fi kliem iehor, meta l-kriterji rigoruzi tal-azzjoni rivendikatorja ma jistghux jitwettqu ghar-rigward tal-piz tal-prova tat-titolu, l-attur jinghata l-jedd li jipprova titolu ahjar minn tal-parti mharrka. Din l-azzjoni hija maghrufa bhala l-actio publiciana (in rem), li hija azzjoni rejali ta' ghamla petitorja fejn is-sahha tat-titolu huwa*

*mkejjel* ***inter partes u*** *mhux, bhal fil-kaz tal-azzjoni rivendikatorja vera u proprja,* ***erga omnes****. Huwa rimedju li l-Qrati taghna tawh gharfien, ukoll fil-qafas ta' azzjoni ta' rivendika ta' sid minn idejn haddiehor*" (**Frank Pace v. Kummissarju tal-Artijiet**, Prim'Awla, 19 ta' Frar 2002) Ara wkoll dawn is-sentenzi bl-istess hsieb; (App. Civ. 25.6.1945, fil-kawza fl-ismijiet **Cassar Desain v. Cassar Desain Viani et** (Kollezz. Vol: XXXII.i.272) 25 App. Civ. 12.2.1936 fil-kawza fl-ismijiet **Curmi et noe v. Depiro et** (Kollezz. Vol: XXIX.i.475) App. Civ. 21.1.1946, fil-kawza fl-ismijiet **Agius noe v. Genovese et** (Kollezz. Vol: XXXII.i.735) u l-ohra P.A. 17.3.1961, fil-kawza fl-ismijiet **Ellul et v. Ellul et** (Kollezz. Vol. XLV.ii.586) App. Civ. 5.10.2001 fil-kawza fl-ismijiet **Nancy Mangion et v. Albert Bezzina Wettinger**.

Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Paolo Busuttil v. Rosina Abela et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 1953: "*illi b'dina l-eccezjoni l-konvenuti mhumiex jiddefendu ruhhom bil-pussess (possideo quia possideo), izda qeghdin jinvokaw favur taghhom it-titolu tal-proprjeta` naxxenti mill-kuntratti fol. 8, 41 u 46. Ghalhekk isir impellenti ghall-Qorti li tezamina dawk it-titoli; anzi, skond l-insenjament ta'* ***Arstide Granito****, 'allorche il convenuto, eccependo la proprjeta` della cosa, che l'attore vuol rivendicare, opponga un suo titolo di proprieta` a quello del rivendicante, occorre, prima di esaminare il titolo di quest'ultimo, vedere se quello prodotto escluda il titolo dell'attore*

***(Digesto Italiano, Rivendicazione (azione di), 65**). Dan l-ezami huwa indispensabili, ghaliex jekk ilkonvenuti ma jirnexxux fil-prova tat-titolu, huma jibqghu sokkombenti u jkunu prekluzi milli jinvokaw favur taghhom il-pussess, in forza tal-principju 'melium est non habere titolum quam habere vitiosum*".**(Vol.XXXVII.ii.631)**

L-appellanti ssotni li Paolo Fiteni (in-nannu taghha) kien akkwista l-propejta' esklussiva tramite l-preskrizzjoni trentennali f dan ir-rigward fil-kawza fl-ismijiet **Apap Bologna v. Sammut** (Prim'Awla 28 ta' Marzu 2003), jinsab insenjat illi "*lil min jallega l-uzukapjoni trigenarja bhala bazi tad-dominju minnu vantat, ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta' titolu jew tal-bona fede. U l-bona fede ma hix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta' tletin sena irid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrot, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Ir-rinunzja ghall-uzukapjoni bhala 'causa acquisitionis' tista' tkun tacita, cioe` deducibbli mill-fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat, u d-dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-haga mhix tieghu, timplika rinunzja tacita ghad-dritt akkwistat minnu bl-uzukapjoni*". **(Vol. XXXV P I p 105)**;

Jinsab imbaghad spjegat illi "*l-elementi tal-pussess huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali, l-animu tal-*

*possessur li jgawdi d-dritt fuq ilhaga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha - animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini. Mhux bizzejjed li jkollok id-detenzjoni talhaga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja, imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja*" (**Carmelo Caruana et v. Orsla Vella**, Appell Civili, 13 ta' Marzu 1953; **Victor Chetcuti et v. Michael Xerri**, Appell Civili, 31 ta' Mejju 1996).

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-appellanti ma ressqitx provi bizzejjed biex tilqa' t-talbiet taghha. Din fir-rikors tal-appell taghha tghid li ma taqbilx ma' din il-konkluzjoni ghaliex fil-fatt hija xehdet illi meta miet Paolo Fiteni fl-1942 hija kellha hdax il-sena u ommha dejjem irreferiet ghall-qabar bhala '*l-qabar ta' missieri*'. Tkompli tghid li meta mietet omm Paolo Fiteni fl-1937 din hallietlu sehemha u allura l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri zgur minn dakinhar u allura giet kompjuta fl-1967.

Din il-Qorti wara li ezaminat attentament l-atti tasal ghall-istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Il-provi li ressqet l-attrici mhumiex bizzejjed biex f'kawza bhal din iwasslu lill-Qorti biex tilqa' l-aggravju taghha inkwistjoni. Ma dak li qalet korrettament l-ewwel Qorti fir-rigward, din il-Qorti zzid tghid li l-fatt li Paolo Fiteni kien jaf li ommu hallietlu sehmha ifisser li kien jaf li l-oqbra ma kienux tieghu wahdu ghaliex seta' japprezza li missieru ma hallielux sehemu kollu izda miet bla testament

u allura kien wiret terz minn dak is-sehem. Fil-frattemp u sakemm miet fl-1942, u anke wara, mietu diversi persuni fil-familja li gew midfuna hemmhekk u allura qatt ma kien hemm pussess esklussiv u mhux interrott. Kwindi sakemm miet Paolo Fiteni u lanqas wara zgur li l-preskrizzjoni trentennali ma setghetx tibda tiddekorri ghalkemm jista' jkun li kien jamministrahom sa dak iz-zmien. Huwa wkoll korrett, kif qalet l-ewwel Qorti, li ma ngabet ebda prova li kien intalab xi permess minghand xi hadd biex issir id-difna relattiva. Dan jikkonvinci lil din il-Qorti li l-oqbra kienu dejjem ikkonsidrati bhala **tal-familja kollha** u hafna minnhom indifnu fihom kif ampjament pruvat.

F'gudizzju civili infatti l-Qorti trid tiddeciedi fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); "*il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'*" – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003). Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha filkawza fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003 qalet li:

> "*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment*".

**It-tielet aggravju**, rigwardanti t-tielet talba attrici, huwa ghal kollox dipendenti fuq it-tieni wiehed u dan ghaliex kif sewwa qalet l-istess appellanti fir-rikors tal-appell, l-akkoljiment tal-ewwel talba jinnecessita l-akkoljiment tat-tielet talba; ladarba se jkun michud l-aggravju f'dak ir rigward allura ma hemmx lok ta' konsiderazzjonijiet ulterjuri ghat-tielet aggravju. L-istess jinghad ghar-**raba' aggravju** illi jirrigwardja r-raba' talba attrici li wkoll l-ezitu taghha jiddependi fuq it-tieni aggravju.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu biss fir-rigward tal-aggravju relattiv ghat-tieni talba billi tvarja s-sentenza appellata f'dak ir-rigward u tiddikjara li l-attrici u l-werrieta ta' Paolo Fiteni u successuri taghhom ghandhom dritt jindifnu fl-oqbra indikati; izda ghall-kumplament tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-prim istanza u tal-appell tlett kwarti a kariku tal-appellanti kwart ghall-appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb